*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2020/2613(RSP)**

9.6.2020

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B9-0000/2020 u B9-0000/2020

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma
(2020/2613(RSP))

**Christophe Hansen, Sara Cerdas, Nicolae Ştefănuță, Marco Dreosto, Martin Häusling, Joanna Kopcińska, Malin Björk, Eleonora Evi**
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

**B9-0000/2020**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma**
**(2020/2613(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (Direttiva Qafas dwar l-Ilma - WFD)[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art)[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali) [3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (Direttiva dwar l-Għargħar)[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi - UWWTD)[5],

– wara li kkunsidra l-kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar[6],

– wara li kkunsidra l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[7],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma[8],

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)[9],

---

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
[2] ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.
[3] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84.
[4] ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.
[5] ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.
[6] SWD(2019) 439 u s-sommarju eżekuttiv disponibbli fid-dokument SWD(2019)440,
[7] SWD(2019) 700 u s-sommarju eżekuttiv disponibbli fid-dokument SWD(2019)701,
[8] li bħalissa għaddej mill-fażi ta' adozzjoni fil-plenarja,
[9] COM(2017) 753 final, 1.2.2018.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[10],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titolu "The European environment – state and outlook 2020: Knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew – stat u prospettivi għall-2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli)[11],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[12],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[13],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"[14],

– wara li kkunsidra s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali[15],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2020 dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli[16],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva[17],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss[18],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2019 dwar Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent[19],

– wara li kkunsidra l-istudju konġunt tal-Kummissjoni Ewropea u l-OECD ta' Mejju 2020 dwar "Financing Water Supply, Sanitation and Flood Protection - Challenges in EU Member States and Policy Options (Finanzjament tal-Provvista tal-ilma, is-Sanitazzjoni u l-Protezzjoni mill-Għargħar - Sfidi fl-Istati Membri tal-UE u Opzjonijiet Politiċi)[20],

---

[10] 2019/2930(RSP).
[11] Disponibbli hawnhekk: https://www.eea.europa.eu/publications/soer-2020.
[12] COM(2019) 640.
[13] COM(2020) 380.
[14] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020) 381 final, 20.5.2020.
[15] Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna", ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171.
[16] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2020) 21 final, 14.1.2020.
[17] COM(2020) 98.
[18] COM(2020) 456.
[19] COM(2019) 128.
[20] Disponibbli hawnhekk: http://www.oecd.org/environment/financing-water-supply-sanitation-and-flood-

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u, b'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 6 dwar l-ilma nadif u s-sanitazzjoni[21],

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi ta' Mejju 2019[22],

– wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water"[23],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-[1 ta' Lulju 2020] dwar il-Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, id-Direttiva dwar Standards ta' Kwalità Ambjentali u d-Direttiva dwar l-Għargħar[24],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (programm kontinwu)"[25],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Mistoqsijiet Orali lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma[26],

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi l-ilma huwa beni pubbliku inaljenabbli li huwa essenzjali għall-ħajja, u l-ġestjoni tal-ilma għandha rwol essenzjali fil-ħarsien tas-servizzi tal-ekosistema tal-UE kif ukoll fl-użu tar-riżorsi u fil-produzzjoni ekonomika; billi l-Ewropa trid issib risponsi effikaċi għall-isfidi attwali relatati mal-ilma u timmaniġġja r-riżorsi tal-ilma eżistenti b'mod effiċjenti, peress li jaffettwaw b'mod dirett is-saħħa tal-bniedem, il-produzzjoni tal-enerġija, l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel;

B. billi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma stabbiliet qafas għall-protezzjoni ta' 110 000 korp tal-ilma tal-wiċċ fl-UE, bil-għan li jinkiseb "stat ekoloġiku u kimiku tajjeb" sal-2015; billi l-kontroll tal-idoneità sab nuqqasijiet kbar fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, li l-objettivi tagħha probabbilment ma jinkisbux sal-iskadenza tal-2027;

C. billi nkiseb stat kimiku tajjeb għal 38 % biss tal-ilmijiet tal-wiċċ u 40 % biss għandhom stat jew potenzjal ekoloġiku tajjeb;

---

protection-6893cdac-en.htm.

[21] Fir-Riżoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015 "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli).

[22] Global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services (IPBES), disponibbli hawnhekk: https://ipbes.net/global-assessment.

[23] www.right2water.eu

[24] https://cor.europa.eu/en/our-work/Pages/OpinionTimeline.aspx?opId=CDR-541-2020

[25] ĠU C 110, 22.3.2019, p. 94.

[26] O [000XXX/YYYY] u O [000XXX/YYYY]

D. billi l-effikaċja tad-WFD tiddependi mill-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri;

E. billi l-astrazzjoni tal-ilma tpoġġi pressjoni kbira fuq l-ilmijiet tal-UE; billi madwar kwart tal-ilma ddevjat mill-ambjent naturali fl-UE jintuża għall-agrikoltura; billi ntlaħaq ftehim dwar ir-regolament il-ġdid dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma, li se jiffaċilita l-użu tal-ilma urban mormi trattat għall-irrigazzjoni agrikola;

F. billi s-sors lokalizzat ewlieni tat-tniġġis tal-ilma fl-UE huwa r-rilaxx ta' ilma mormi urban u/jew industrijali mhux ittrattat jew ittrattat b'mod inadegwat; billi s-sors diffuż ewlieni tat-tniġġis tal-ilma huwa l-agrikoltura, b'rilaxxi ta' nutrijenti, pestiċidi u sustanzi niġġiesa oħra;

G. billi huwa ta' importanza kruċjali li jiġi indirizzat it-tniġġis kimiku fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art kull, fejn ikun possibbli fis-sors bħala l-aktar miżura kosteffikaċi;

H. billi l-kontroll tal-idoneità sab li d-WFD "hija preskrittiva biżżejjed fir-rigward tal-pressjonijiet li jridu jiġu indirizzati, u madankollu hija flessibbli biżżejjed biex tirrinforza l-implimentazzjoni tagħha kif meħtieġ fir-rigward tal-isfidi emerġenti mhux imsemmija fid-Direttiva bħat-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma u s-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti";

I. billi l-bijodiversità tal-ilma ħelu hija mhedda fl-Ewropa; billi ekosistemi tal-ilma ħelu f'saħħithom u reżiljenti huma aktar kapaċi jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima u jadattaw għalihom;

J. billi terz tal-pajjiżi Ewropej ibatu minn skarsezza tal-ilma, jiġifieri għandhom inqas minn 5 000 $m^3$ fis-sena ta' ilma *per capita* kull sena;[27]

K. billi l-ilma huwa element essenzjali fiċ-ċiklu tal-ikel; billi kwalità tajba tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ hija meħtieġa biex tinkiseb sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent kif deskritta fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";

L. billi attwalment hemm aktar minn 21 000 impjant idroelettriku fl-Ewropa; billi ma ttieħdet ebda azzjoni komprensiva mill-UE għat-tneħħija tad-digi;

M. billi l-UWWTD kienet effikaċi fit-tnaqqis tat-tniġġis fil-korpi tal-ilma billi naqqset it-tagħbijiet tad-domanda bijokimika ta' ossiġenu, nitroġenu u fosfru fl-ilma mormi ttrattat fl-UE kollha;

1. Jilqa' s-suċċess tad-WFD fl-istabbiliment ta' qafas ta' governanza adegwat għall-ġestjoni integrata tal-ilma u fit-tnaqqis tad-deterjorament tal-kwalità tal-ilma;

2. Jilqa' l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li d-WFD hija adattata għall-iskop, iżda l-implimentazzjoni tagħha jeħtieġ li tittejjeb u titħaffef;

3. Jiddispjaċih li l-objettivi tad-WFD għadhom ma ntlaħqux l-aktar minħabba finanzjament inadegwat, partikolarment implimentazzjoni bil-mod, infurzar insuffiċjenti u użu wiesa'

---

[27] https://www.eea.europa.eu/publications/92-9167-025-1/page003.html

tal-eżenzjonijiet tad-Direttiva, li l-integrazzjoni tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorjali ma kinitx biżżejjed, u li nofs il-korpi tal-ilma tal-UE għadhom mhumiex fi stat tajjeb;

4. Jinnota li t-tibdil fil-klima jista' jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq sorsi tal-ilma ħelu b'nixfiet li jwasslu għal flussi mnaqqsa ta' xmajjar u konċentrazzjonijiet ogħla ta' sustanzi li jniġġsu, u b'xita qawwija li twassal għal żieda fl-ilma tax-xeba' urban u agrikolu; jenfasizza li ż-żieda fit-temperaturi twassal għal żieda fl-istress idriku, li jkollu impatt fuq diversi setturi ekonomiċi; jissottolinja li r-reżistenza tal-ekosistemi tal-ilma, l-għargħar u l-iskarsezza tal-ilma għandhom jitqiesu debitament fl-istrateġija li jmiss tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima;

5. Jinnota li hemm lok għal titjib fil-qasam tas-sustanzi kimiċi; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna s-sustanzi rilevanti li jinsabu fl-Annessi tad-WFD; jirrakkomanda l-iżvilupp ta' linji gwida ġodda dwar metodi ta' monitoraġġ imtejba għal taħlitiet kimiċi;

6. Jinnota li l-prinċipju "one-out-all-out" għandu jibqa' kif inhu, madankollu huwa problema fil-komunikazzjoni dwar il-progress li sar fir-rigward tal-parametri individwali; jappella għal metodoloġiji ta' rapportar komplementari (bħal "distance to target"); jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni komprensiva lill-pubbliku dwar il-kwalità tal-ilma fl-UE;

7. Jiddeplora l-użu ta' eżenzjonijiet għal aktar minn nofs il-korpi tal-ilma tal-Ewropa, b'ġustifikazzjoni limitata; jappella għal aġġornament tad-dokumenti ta' gwida għall-użu ta' eżenzjonijiet sabiex din il-prattika titnaqqas;

8. Jiddispjaċih li l-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż, li jipprevedi li l-utenti kollha tal-ilma jkollhom parteċipazzjoni finanzjarja effikaċi u proporzjonata, għadu dgħajjef jew ineżistenti f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw u jimplimentaw politiki adegwati dwar l-ipprezzar tal-ilma u japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż skont id-WFD; jenfasizza, madankollu, li ċ-ċittadini kollha għandu jkollhom aċċess affordabbli għall-ilma;

9. Jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata aktar l-ewtrofikazzjoni kemm tal-ilmijiet friski kif ukoll tal-ibħra kkawżata min-nitroġenu u mill-fosfru mill-ilma mormi u minn sorsi oħra, inkluż mill-agrikoltura;

10. Jinnota li l-impjanti idroelettriċi jipprovdu l-akbar sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-UE; jirrimarka, madankollu, li l-kostruzzjoni ta' digi tista' taffettwa b'mod negattiv il-ħabitats u li d-WFD timponi kriterji stretti għall-protezzjoni tal-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi; jappella għal valutazzjonijiet stretti tal-impatti tat-tibdil fuq il-kwalità tal-ilma u l-ekosistemi;

11. Jinnota li l-bidla mit-trasport tal-merkanzija bit-triq għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni għandha timxi id f'id mal-appoġġ għal fjuwils u teknoloġija sostenibbli u alternattivi għan-navigazzjoni interna biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u biex jiġi evitat id-deterjorament fil-kwalità tal-korpi tal-ilma;

12. Jilqa' l-fatt li l-UWWTD laħqet l-għanijiet fir-rigward tat-tnaqqis tat-tagħbijiet, u b'hekk ikkontribwiet għat-titjib tal-kwalità tal-ilma; madankollu, jiddispjaċih li l-evalwazzjoni

tal-UWWTD ma tanalizzax l-effikaċja fir-rigward tal-iskariki tal-ilma industrijali mormi fis-sistemi ta' ġbir u l-impjanti tal-ilma urban mormi;

13. Jinnota li l-UWWTD ma tirriflettix biżżejjed il-problemi tal-overflows tal-ilma tal-maltemp u tal-ilma tax-xeba' urban, tas-sistemi individwali u tal-agglomerazzjonijiet żgħar;

14. Jistieden lill-Istati Membri jiksbu konformità sħiħa mad-WFD mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-2027;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-ilma b'assistenza teknika u taħriġ xieraq, billi jikkondividu l-aħjar prattiki u l-għarfien espert;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni stretta u rapida fir-rigward tal-ksur min-naħa tal-Istati Membri biex tiġi żgurata konformità sħiħa tal-Istati Membri kollha mad-WFD mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-2027; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi rigward il-każijiet ta' ksur miftuħa relatati mal-ksur sistemiku tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma;

17. Jenfasizza l-ħtieġa ta' allinjament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) mad-WFD fir-rigward tal-ħtieġa ta' aktar miżuri ta' protezzjoni tal-ilma fl-agrikoltura; jilqa' l-inklużjoni tal-ġestjoni mtejba tan-nutrijenti bħala wieħed mill-objettivi tal-Pjanijiet Strateġiċi l-ġodda tal-PAK u tal-Istrateġija għall-Bijodiversità;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissimplifika u ttejjeb is-sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma, billi tiġbor, fost l-oħrajn, data dwar ir-residwi u l-metaboliti tal-pestiċidi fil-korpi tal-ilma fl-Ewropa;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji ta' ġestjoni tan-nixfiet bħala parti mill-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini tax-Xmajjar u mill-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskji ta' Għargħar;

20. Jissuġġerixxi li n-nixfiet jiġu indirizzati permezz ta' proġetti għall-użu mill-ġdid ta' barrieri li m'għadhomx jintużaw, li jiġu ttrasformati f'baċini biex iżommu l-ilma tax-xita u l-mewġ tal-għargħar; jinkoraġġixxi r-riċerka u l-investimenti f'din id-direzzjoni;

21. Jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw u jiżguraw il-fondi meħtieġa u jżidu l-isforzi fil-manutenzjoni u l-investiment mill-ġdid f'infrastrutturi eżistenti li ma jqajmux tħassib dwar l-ambjent jew is-saħħa pubblika; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ finanzjarju għal metodi innovattivi u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

22. Jinkoraġġixxi integrazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar il-Ġestjoni tar-Riskji ta' Għargħar fil-politiki dwar il-prijoritizzazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u dwar l-aġġustament tal-flussi ta' finanzjament skont dan;

23. Jappella għal aktar azzjoni fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati s-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-mikroplastiks u l-farmaċewtiċi;

24. Jitlob li jittejbu l-konsultazzjoni pubblika, is-sensibilizzazzjoni pubblika u l-edukazzjoni u li jiġi stimolat id-djalogu intersettorjali;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.